## 28 ta' April, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Vincent Degaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Louis Piccione

## Raġunijiet Speċjali u Straordinarji

*Meta jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali mhux biżżejjed li l-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, tgħid li qed tapplika dak l-artikolu, jew li tgħid li hemm raġunijiet speċjali u straordinarji mingħajr ma ssemmihom.*

*Ġaladarba l-ewwel Qorti ssemmi r-raġunijiet speċjali u straordinarji mhux il-kompitu tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tissostitwixxi l-apprezzament tagħha dwar dawk ir-raġunijiet għall-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Louis Piccione talli fil-11 ta' Awissu, 1994 għall-ħabta tal-11.45 a.m. waddab jew iddeposita materjal f'Ricasoli, il-Kalkara, permezz tal-vettura Ford Transit nru. D-5936; l-ewwel Qorti kienet mitluba sabiex tikkonfiska l-vettura għal żmien ta' mhux anqas minn xahrejn u tissospendi lill-imputat mil-liċenzja tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru, 1994 li biha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imputat u wara li semgħet lill-partijiet, wara li rat l-artikolu 9(1A)(3) tal-Kap. 206 u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-imsemmmi Louis Piccione għall-multa ta' Lm50 lira u xahrejn konfiska tal-vettura kif ukoll xahrejn sospensjoni tal-liċenzja;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fit-18 ta' Novembru, 1998 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lill-Assistent għall-Avukat Ġenerali, Dr. Anthony Barbara, fl-udejenza tat-3 ta' Frar, 1995 li rrimetta ruħu għal dak li hemm ikkontenut fir-rikors ta' l-appell; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu li l-ewwel Qorti enunċjat u applikat ħażin il-liġi in materja ta' piena peress li meta applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma semmietx raġunijiet speċjali u straordinarji, stante li r-raġunijiet imsemmija minn dik il-Qorti fis-sentenza tagħha la huma speċjali u anqas straordinarji;

Il-piena ordinarja għar-reat li tiegħu l-appellat instab ħati hi ta' multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira maltija iżda mhux iżjed minn elf lira maltija u l-konfiska tal-vettura għal żmien ta' mhux anqas minn xahrejn iżda mhux iżjed minn sena u s-sospensjoni għal żmien daqs dak tal-liċenzja tas-sewqan;

L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-Qorti tista' "għal raġunijet speċjali u straordinarji *li għandhom jissemmew* bir-reqqa kollha fis-sentenza" tinżel taħt il-minimu tal-piena stabbilita mil-liġi. Il-Kapitolu 206, ċjoe` l-Att dwar Żibel u Skart ma jeskludix l-applikabilita` ta' dana l-artikolu 21;

Il-parti tas-sentenza appellata rilevanti għall-vertenza odjerna tgħid hekk; "Stante li tneħħew l-affarijiet mill-post u l-ambjent ġie reintegrat, jidher li hu opportun li jkun applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ....";

Din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni li tfisser, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu, 1992 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* John Chetcuti** (Vol. LXXVI.V.781), li biex jista' jitqies li jkun qed jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali mhux biżżejjed li l-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, tgħid li qed tapplika dak l-artikolu, jew li tgħid li hemm dawn ir-raġunijiet speċjali u straordinarji - f'dan il-każ it-tneħħija ta' l-affarijiet mill-post u r-reintegrazzjoni ta' l-ambjent - mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tissostitwixxi l-apprezzament tagħha dwar dawk ir-raġunijiet għall-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti, għax tali apprezzament jammonta għall-kwistjoni ta' fatt u mhux kwistjoni ta' dritt. Dan kollu qed jingħad, naturalment, indipendentement minn jekk din il-Qorti taqbilx o meno li r-raġunijiet miġjuba fis-sentenza huma "speċjali jew straordinarji". Skond il-Kap. 206, l-Avukat Ġenerali

m'għandux dritt ta' appell dejjem u fuq kollox (l-hekk imsejjaħ "dritt ta' appell awtomatiku") u għalhekk jista' jappella biss fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) tal-Kap. 9. Fis-sentenza appellata m'hemm ebda enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi u anqas jista' jingħad li l-piena mogħtija mill-Qorti Inferjuri mhix fix-xorta jew fil-kobor tagħha, dik ikkontemplata mil-liġi ġaladarba ġie applikat, bil-formalitajiet rikjesti, l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.